ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Programm ta' Kurrikulu-Qofol

**L-Eżamijiet Annwali tal-Iskejjel Sekondarji 2015**

## IR-RABA' SENA Il-ĠEOGRAFIJA L-ISKEMA TAL-MARKI

| Linji gwida għat-tqassim tal-marki għal kull mistoqsija | Marki |
|---|---|
| It-tweġiba għall-mistoqsijiet kollha kienet sħiħa, mingħajr għajnuna u bi kliem ġeografiku. | **9 - 10** |
| It-tweġiba għall-mistoqsijiet kollha kienet fil-qosor u mingħajr dettall. | **7 – 8** |
| Ingħataw tweġibiet tajba għal nofs id-domandi mingħajr ħafna għajnuna. | **5 – 6** |
| Ingħataw tweġibiet tajba għal nofs id-domandi, imma b'għajnuna. | **3 – 4** |
| Twieġbet biss waħda mill-mistoqsijiet. | **1 - 2** |
| It-tweġibiet kollha ma kinux relevanti, minkejja għajnuna li ngħatat. | **0** |

| Mistoqsija | Marki Totali | L-istudenti jsemmu dawn il-punti waqt li jkunu qed jiddiskutu l-istampa mal-għalliem/a |
|---|---|---|
| **1** | **10** | a. *Power station.*<br>b. Tipproduċi l-elettriku.<br>L-istudenti jsemmu xi affarijiet li għandhom bżonn l-elettriku biex jaħdmu, eż. bozza, kompjuter, televixin, il-magni tal-fabbriki eċċ. Dawn jintfew mingħajr elettriku.<br>ċ. Il-*power station* taħdem biż-żejt jew bil-gass.<br>d. L-ilma jissaħħan biż-żejt jew bil-gass sakemm isir fwar. Il-fwar idawwar it-turbina li finalment tħaddem il-ġeneratur li jipproduċi l-elettriku. |
| **2** | **10** | a. Pannelli solari/tax-xemx jew pannelli fotovoltajċi.<br>Jintużaw biex jipproduċu l-elettriku mix-xemx.<br>b. Il-pannelli jridu jitpoġġew barra jħarsu lejn ix-xemx. Aktar ma jaraw xemx, aħjar.<br>ċ. Huwa sors rinnovabbli peress li l-enerġija mix-xemx ma tispiċċa qatt.<br>d. Minbarra x-xemx, f'pajjiżna nistgħu nużaw l-enerġija mir-riħ.<br>e. Dan is-sors rinnovabbli ma jħammiġx l-ambjent. *jew*<br>Il-pajjiż jiffranka l-flus billi ma jkollux għalfejn jixtri ż-żejt jew il-gass. |

| | | |
|---|---|---|
| **3** | **10** | a. Il-blat ta' pajjiżna huwa sedimentarju.<br>b. Il-blat sedimentarju fforma f'qiegħ il-baħar, saff fuq saff, mill-frak tal-blat u fdalijiet ta' ħlejjaq tal-baħar.<br>ċ. L-aħħar saff li fforma huwa dak immarkat bl-ittra A peress li jinsab fuq nett. Dan is-saff ifforma fuq is-saff li kien hemm qablu.<br>d. Dan il-blat jintuża għall-bini tad-djar. |
| **4** | **10** | a. Vulkan qed jiżbroffa.<br>b. Kull darba li l-vulkan jiżbroffa jħalli warajh saff ta' rmied u lava u b'hekk il-vulkan jikber.<br>ċ. Il-*magma* tgħaddi mill-arterja vulkanika u tiżbroffa mill-bokka bħala lava.<br>d. Isemmu żewġ ħsarat, bħal:<br>- Jordom villaġġi sħaħ bl-irmied, jew b'xi nixxiegħa tal-lava<br>- Joqtol nies li jkunu joqogħdu fil-qrib, l-aktar jekk isseħħ xi valanga ta' tajn u rmied<br>- B'xi daħna piroklastika.<br>*Aċċetta ħsarat oħra validi.*<br>e. Aċċetta wieħed mill-benefiċċji, bħal:<br>- Il-lava biż-żmien tittiekel u tifforma ħamrija tajba<br>- F'inħawi vulkaniċi ssib *power stations* ġeotermali<br>- Jattiraw ħafna turisti.<br>*Aċċetta benefiċċji oħra korretti.* |
| **5** | **10** | a. Terremot laqat dan il-post.<br>b. It-terremot kien qawwi peress li waqa' l-bini kollu.<br>ċ. Il-Ġappun, l-Italja, il-Greċja, l-Istati Uniti jintlaqtu ta' sikwit minn terremoti qawwija.<br>*Aċċetta postijiet oħra fejn fihom seħħ xi terremot qawwi.*<br>d. L-istudenti jispjegaw kif il-qoxra tad-dinja hija maqsuma f'għadd ta' qxur tettoniċi. Kull darba li dawn jiċċaqalqu, iseħħu t-terremoti.<br>e. L-istudenti jsemmu żewġ ħsarat oħra, bħal:<br>- Iħallu għadd ta' persuni mejta u oħrajn jispiċċaw bla saqaf fuq rashom.<br>- Jistgħu jikkaġunaw ukoll nirien qawwija li jdumu jaqbdu jiem sħaħ.<br>- Issir ukoll ħsara fl-infrastruttura tal-post billi jinfetħu xquq fit-toroq, jiġġarrfu pontijiet u digi.<br>*Aċċetta tweġibiet tajba oħra.* |